**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, it-Tlieta, 8 ta' Ġunju 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 29/2020BS**

**Charlayne Josephine Mintoff**

**vs**

**Jason George Mintoff**
**Louis Mintoff**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ai termini tal-Artikoli 154 et seq tal-Kap. 12 ta' Charlayne Josephine Mintoff illi ppremettiet:**

1. Illi r-rikorrenti u l-konvenut Jason Mintoff għaddejjin minn proċess ta' separazzjoni u hemm pendenti kawża ta' separazzjoni fil-konfront ta' xulxin fl-ismijiet : 'Jason George Mintoff vs Charlayne Josephine Mintoff' (Rikors Ġuramentat numru 29/2019/BS);

2. Illi wara li l-konvenut Jason Mintoff iddeċieda li jitlaq lir-rikorrenti, hi baqgħet tgħix fid-dar taż-żwieġ bl-isem ta' 'Suenos', Triq Salvu

Gambin, Għasri, u huwa zamm bhala residenza tiegħu l-penthouse fi blokk bl-isem 'Diamonds Sea Side Aparments, Triq Ta' Ħabel It-Twil, Marsalforn (Zebbuġ), Għawdex;

3. Illi minn kemm il-partijiet konjuġi Mintoff ilhom jgħixu separati *de facto* minn xulxin minn Mejju 2019, ir-rikorrenti kellha esperjenzi strambi matul il-lejl li ġraw fid-dintorni tad-dar tagħha, li kienu jqajmuha mill-irqad tagħha, li qatt ma kienet esperjenzat bhalhom qabel, li saru minn xi ħadd li l-identita' tiegħu hi ma tistax tkun ċerta minnha għalkemm għandha s-suspetti min kien jista' hemm wara dak kollu li kien iseħħ, intiżi biex inisslu fiha sens ta' biza' u insigurta' li tibqa' tgħix waħidha fid-dar matrimonjali;

4. Illi nonstante dawn l-esperjenżi, ir-rikorrenti baqgħet fid-dar matrimonjali;

5. Illi f'dawn l-aħħar gimghat minħabba l-pandemija r-rikorrenti kienet torqod fid-dar tal-ġenituri tagħha filwaqt li matul il-ġurnata baqgħet taħdem, tagħmel it-tindif tad-dar matrimonjali, taħsel ħwejjiġha hemm ukoll u ssajjar hemm ukoll;

6. Illi l-aħħar li għamlet faċendi fid-dar kien nhar il-Ħamis ix-Xirka, 9 ta' April 2020, wara li daħlet il-karozza tagħha fil-garage. Magħha kien hemm ommha Grace Galea li marret magħha biex tagħtiha daqqa t'id fil-faċendi;

7. Illi meta jiem wara meta r-rikorrenti marret biex tidħol fid-dar la ċ-ċavetta tal-garage ma daret fis-serratura u lanqas iċ-ċavetta tal-bieb tad-dar ma daħlet fis-serratura. Billi kien tard u d-dlam hi ma ndunatx li s-serraturi kienu ġew mibdula u reġgħet marret l-għada filgħodu sbatax (17) ta' April, u hemm ikkonfermat li ċ-ċwievet li kellha u li bihom soltu kienet tiftaħ kemm bieb kif ukoll l-ieħor ma daħlux fis-serraturi rispettivi tagħhom l-għaliex kienu ġew mibdulin. Billi kien filgħodu setgħet tara aħjar u tinduna li s-serratura tal-

garage kellha ċilindru taċ-ċavetta ġdid filwaqt li ċ-ċilindru tas-serratura tal-bieb prinċipali kien jidher ukoll li ġie mibdul billi t-toqba tal-bieb fejn jidħol iċ-ċilindru l-antik kienet ikbar mill-forma taċ-ċilindru ġdid ċjoè l-mibdul;

8. Illi s-serraturi ma setgħu inbidlu minn ħadd ħlief mill-konvenut Jason Mintoff personalment li kellu sett ċwievet oħra bhalma għandha r-rikorrenti jew minn missieru l-konvenut Louis Mintoff li kellu sett ieħor jew minn terż inkarigat minnhom billi tawħ iċ-ċwievet biex kiseb aċċess fuq ġew u biddel is-serraturi billi dawn jistgħu jinbidlu biss minn naha ġewwa u bl-ebda mod minn barra, u għalhekk kull kif l-konvenuti jekk ma kienu l-awtur tal-spoll huma l-mandanti jew il-kompliċi;

9. Illi meta r-rikorrenti kienet tnaddaf id-dar f'Ħamis ix-Xirka, l-konvenut Louis Mintoff omm ir-rikorrenti, Grace Galea fid-dar ta' ibnu Jason Mintoff tnaddaf il-gallerija;

10. Illi l-esponenti spiċċat msakkra barra mid-dar fejn għandha ħwejjiġha kollha kemm tax-xitwa, mezzu temp u tas-sajf god-dar u oġġetti tagħha personali;

11. Illi l-aġir tal-konvenuti jew ta' min ninnhom jikkostitwixxi spoll billi ħadd ħliefhom ma kellu pussess taċ-ċwievet bhalma kellha r-rikorrenti biex jikseb aċċess ġod-dar billi s-serraturi setgħu jinbidlu biss minn naha ta' ġewwa u wara li jinkiseb aċċess;

12. Illi l-ispoll ġie kommess fi zmien meta fil-kawża ta' separazzjoni hemm rikors pendenti fejn l-esponenti qed titlob li *pendente lite* hi tiġi awtorizzata tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali as eskluzjoni tal-konvenut Jason Mintoff;

13. Illi nonostante li l-Qorti fil-kawża ta' separazzjoni ġiet mitlub biex tagħti dawk il-provvedimenti biex l-esponenti jkollha mill-ġdid

aċċess għad-dar matrimonjali kif kellha qabel, it-talba ma ġietx aċċettata billi deherilha li dan hu meritu ta' kawża *ad hoc* li għandu jiġi ttrattat separatament;

**Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti jew min minnhom meta bidlu s-serraturi tal-bibien ta' barra tad-dar matrimonjali 'Suenos', Triq Salvu Gambin, Għasri, u sakkru barra lill-attriċi jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin a dannu u preġudizzju tad-drittijiet serju tal-attriċi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jisporgaw l-ispoll minnhom kommess fi zmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din il-Qorti billi jew min minnhom jiġu ordnati jibdlu s-serraturi mill-ġdid ma' dak li kien hemm qabel ma sar l-ispoll jew billi jipprovdu aċċess liberu għad-dar matrimonjali mod ieħor lill-attriċi kif jogħġobha tipprovdi din il-Qorti biex l-attriċi tigi reintegrata fil-pussess tal-istess dar matrimonjali;

3. Fin-nuqqas li l-konvenuti jirripristinaw l-ispoll minnhom kommess sa zmien lilhom mogħti, tawtorizza lill-attriċi tbiddel is-serraturi jekk hemm bzonn b'opera ta' perit nominand, u dan a spejjeż tal-konvenuti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u bl-inġuzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarkin.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Jason George Mintoff u Louis Mintoff illi eċċepew:**

1. Illi t-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha;

2. Illi l-esponenti Louis Mintoff mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet attriċi u ġie mħarrek inutilment;

3. Illi l-esponenti ma ikkommettew l-ebda spoll kif allegat mill-attriċi;

4. Illi hija l-attriċi illi jehtiġielha illi tipprova illi jeżistu l-elementi kostituttivi kollha sabiex tirnexxi kawża ta' spoll u inoltre ġġib prova ta' dak kollu allegat minnha inkluż l-esperjenzi strambi illi hija issemmi f'paragrafu tlieta (3) tar-rikors maħluf tagħha u illi ma kinitx hija stess illi għamlet l-att minnha allegat sabiex tqiegħed is-suspett fuq l-esponenti jew min minnhom u dana kif jidher illi qegħda taghmel fil-kawża ta' separazzjoni bl-esperjenzi strambi deskritti minnha;

5. Illi f'kull kaz u minghajr preġudizzju għas-suespost, l-attriċi minn jeddha allontanat ruħħa minn u abbandunat il-fond imsemmi fir-rikors maħluf u marret toqgħod fid-dar tal-ġenituri tagħha xhur qabel dawn il-proċeduri;

6. Illi f'kull kaz ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi ma jistgħux jirnexxu u jista' jagħti l-kaz illi jeżistu ċ-ċirkostanzi sabiex jiġu dikjarati mertu eżawrit u/jew improponibbli u dana peress illi wara illi ġie ezegwit mandat ta' deskrizzjoni bin-numru: 38/2020/BS fl-ismijiet premessi permezz ta' sgass, liema ezekuzzjoni saret wara l-preżentata tal-kawża odjerna, inbidlet is-serrattura minn mastrudaxxa inkarigat mill-attriċi u ċ-ċwievet ġew depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti (anke jekk ma kienx hemm awtorizzazzjoni f'dan is-sens fid-digriet relattiv) u kwindi anke kieku, għal grazzja ta' l-argument biss, kellu jingħad illi l-attriċi għandha raġun f'dak illi tallega illum l-esponenti, jew min minnhom, ma jistgħu qatt jerġgħu iqegħduha fil-pussess tal-fond minnha msemmi fir-rikors maħluf;

7. Salv risposti ulterjuri jekk ikun l-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Gunju 2020 il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut u ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Deskrizzjoni numru 38/2020 fl-ismijiet premessi.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Lulju 2020 fejn laqgħet it-talba tal-konvenut u ħatret lil Max Xuereb sabiex jagħmel eżami komparattiv bejn ir-ritratti ndikati fl-istess rikors u jirrelata lura dwar l-istess.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti li ġew allegati flimkien ma' din il-kawża.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum bil-fakolta' konċessa lill-partijiet sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

B'rikors ġuramentat tat-8 ta' Mejju 2020 l-attriċi talbet dikjarazzjoni mill-Qorti illi l-konvenut zewġha, ikkommetta spoll meta arbitrarjament biddel is-serraturi tal-bibien ta' barra tad-dar matrimonjali. Fl-istess jum l-attriċi talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' deskrizzjoni in kawtela tad-drittijiet tagħha fuq l-affarijiet li hemm fid-dar li sa llum għadda meqjusa bhala d-dar matrimonjali ta' l-attriċi u tal-konvenut Jason George Micallef.

B'rikors urġenti tal-11 ta' Mejju 2020 l-attriċi talbet fost l-oħrajn illi jsir sgass fid-dar matrimonjali sabiex b'hekk ikun jista' jiġi eżegwit il-mandat ta' deskrizzjoni fuq imsemmi. B'digriet tal-11 ta' Mejju 2020 il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat l-isgass tal-fond de quo bl-assistenza ta' mastrudaxxa.

Il-mandat de quo gie ezegwit mill-marixxalli tal-Qorti dakinhar stess u ċioe fil-11 ta' Mejju 2020. L-aċċess ghall-fond sar bi sgass fil-proprjeta` bl-assistenza ta' Michael Camilleri, mastrudaxxa nkarigat mill-Qorti stess għal dan l-iskop. Minnufih malli ġie esegwit il-mandat imsemmi, l-marixxall tal-Qorti Mario Portelli zamm iċ-ċwievet tal-fond u għadda sabiex iddepożita l-istess taħt l-awtorita` tal-Qorti.

Da parti tiegħu l-konvenut Jason George Mintoff jiċħad kategorikament illi hu jew missieru l-konvenut l-iehor Louis Mintoff ikkommetta spoll fil-konfront tal-attriċi.

**Ikkunsidrat**

**L-eċċezzjoni preliminari**

Il-konvenut Louis Mintoff eċċepixxa li mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet attriċi.

Jidher illi l-konvenut Louis Mintoff ġie mħarrek abbazi tal-fatt illi hu ukoll kellu kopja taċ-ċwievet tad-dar matrimonjali u tal-garaxx. Tajjeb jingħad illi din id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi ma ġietx kontestata anki għaliex l-konvenuti għazlu illi ma jixhdux f'dawn il-proċeduri. Fin-nuqqas ta' konstestazzjoni f'dan ir-rigward u peress illi l-Qorti għadda trid tistabbilixxi l-fatti, il-Qorti hija tal-fehma meqjusa illi l-konvenut Louis Mintoff, qua detentur ta' kopja taċ-ċwievet tal-fond de quo għandu l-interess li trid il-liġi. Għalhekk din l-ecċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.

**Il-Fatti**

Il-proċediment ta' llum nibet f'kuntest ta' kawża ta' separazzjoni personali bejn l-attriċi u l-konvenut Jason George Mintoff liema proċeduri għadhom pendenti quddiem din il-Qorti.

Fil-kors tal-proċediment ta' llum l-attriċi xehdet kif għal habta ta' Ottubru jew Novembru tas-sena 2019 hija marret tgħix għand il-ġenituri tagħha u dan għaliex dak iż-żmien marad missierha u l-attriċi marret tagħti daqqa t'id lil ommha. Dak iż-żmien il-partijiet kienu diġa jinsabu *de facto* separati minn xulxin. In retroxena tajjeb jingħad illi pendenti l-proċeduri ta' separazzjoni, l-attriċi baqghet taċċessa d-dar matrimonjali regolarment tant illi ħalliet fiha l-ħwejjeġ u l-effetti personali tagħha. Mill-banda l-oħra l-konvenut Jason George Mintoff baqa' jgħix f'appartament ġewwa Marsalforn.

Fl-10 ta' April 2020 l-attriċi u ommha għaddew il-ġurnata fid-dar matrimonjali tal-attriċi fejn qattgħu l-ħin jagħmlu l-faċendi u jnaddfu d-dar. Fil-għaxija marru lura fid-dar tal-ġenituri tal-attriċi. L-attriċi tgħid illi fis-16 ta' April 2020 reġgħet marret sabiex tidħol fid-dar matrimonjali u kien hemm illi ntebħet li ma setgħetx tidħol fid-dar għaliex iċ-ċwievet tal-bieb tad-dar u tal-garaxx ma qablux. Billi dak il-ħin kien id-dlam hija reġgħet marret l-għada u ċioe fis-17 ta' April 2020 u hemm deher biċ-ċar illi s-serraturi kienu mibdula. Ix-xhieda tal-attriċi ssib konferma sħiħa fix-xhieda ta' ommha Grace Galea.

**PS 1040 John Grima** xehed illi meta wasal fuq il-post sabiex jassisti fiz-zamma tal-buon ordni waqt illi l-Marixxalli jeżegwixxu l-mandat ta' deskrizzjoni, huwa staqsa jekk il-partijiet kellhomx ċwievet sabiex jaċċedu għall-fond izda ħadd minnhom ma tkellem. F'dan ir-rigward il-Marixall tal-Qorti **Mario Portelli** xehed illi hu dam jistaqsi lill-konvenut Jason George Mintoff għaċ-ċwievet izda dan baqa' jgħid illi ma kellux ċwievet tant li filfatt l-attriċi kienet kostretta tippreżenta rikors b'urġenza sabiex

titlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti għall-isgass. Zied jgħid illi dak inhar illi sar l-isgass la l-attriċi u lanqas l-konvenut Jason George Mintoff ma ppruvaw jiftħu l-bieb tad-dar jew tal-garaxx. Huwa seta jinnota illi fiċ-ċilindru tas-serratura tal-bieb tad-dar kien hemm ċavetta maqsuma mentri ċ-ċilindru tas-serratura tal-bieb tal-garaxx kien jidher differenti mill-iskudett li hemm fuq barra taċ-ċilindru u dan għaliex dawn iz-zewġ partijiet tas-serratura kienu ta' kulur differenti.

**Michael Camilleri**, il-mastrudaxxa li ġie nkarigat mill-Qorti sabiex jisgassa s-serraturi tal-post spjega li s-serraturi setgħu jinbidlu biss b'aċċess għall-bibien min naħa ta' wara u dan minħabba l-fatt ta' kif is-serraturi jintrabtu fil-bieb fuq in-naha ta' wara tiegħu.

**Id-Dritt**

L-azzjoni attriċi hija l-*actio spolii*. Din hija waħda minn erba' azzjonijiet possessorji kontemplati taħt il-Kodiċi Ċivili. Huwa ben magĦruf li l-*actio spolii* hija azzjoni ta' natura pubblika mpernjata fuq bzonn soċjali li jiġi protett il-pussess u li kull ċittadin jiħi prekluż milli jieħu l-liġi f'idejh. Għalhekk azzjoni ta' spoll isservi sabiex jiġi reintegrat il-pussess li jkun ġie mfixkel[1].

L-azzjoni ta' spoll hija regolata permezz ta' l-artikolu 535 tal-Kap. 16. Id-disposizzjoni taqra hekk:

*"(1) Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, **imnezzgha mill-pussess**, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', **fi zmien xahrejn** mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqeghdha f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodicci ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

[1] Ara **Luigi Sultana et vs Emanuel Cremona et**, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, 16 ta' Novembru 2010

*(2) Dan it-tqeghid mill-gdid fil-pussess jigi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata l-ispoll."*

Minn din id-dispozizzjoni jidher illi tlieta huma l-elementi kostituttivi tal-azzjoni ta' spoll:

a) Il-pussess (***actor docere debet possidesse***)

b) L-att spoljattiv (***spoliatum fuisse***)

c) L-att seĦĦ fix-xahrejn immedjatament qabel inbdew il-proċeduri dwar l-ispoll (***infra bimestre deduxisse***)

Dawn it-tlett elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi għal xulxin b'tant illi jekk wiehed minn dawn l-elementi jkun nieqes l-azzjoni ma tirnexxix[2].

**Il-Pussess**

Dwar l-element tal-pussess ingħad illi *"ghall-azzjoni ta' spoll, bizzejjed li jkun pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess materjali di fatto, kemm il-pussess legittimu minghajr il-materjali detenzjoni tal-haga kif ukoll il-pussess di diritto ta' min ikun akkwista l-haga."*[3]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Tiziana Pane` vs Antonio Pane`** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2011 ingħad hekk:

*"Illi dwar l-ewwel element, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, il-parti attriċi kienet fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt[4]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal*

---

[2] Ara: **Joseph Tabone vs Joseph Flavia sive de Flavia**, Qorti ta' l-Appell, 7 ta' Marzu 1958

[3] Ara: Vol. XLI.II.1129

[4] App.: 26.1.1996 fil-kawża fl-ismijiet **J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe** (Kollez. Vol.: LXXX.ii.306)

*waqt qasir*[5]*, u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess*[6] *u dak tal-ispoll*[7] *. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv*[8]*;"*

Huwa ormai paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana li l-azzjoni ta' spoll tista' tiġi ezerċitata anki meta l-ispoljant ikollu l-komproprjeta` tal-haġa li tagħha l-ispoljat ikun sofra l-ispoll.

Fil-kaz ta' llum m'hemm ebda dubju illi l-attriċi kellha aċċess liberu għall-post u kienet tidħol u toħroġ fih kull x'hin trid anki għaliex għalkemm hemm pendenti proċeduri ta' separazzjoni personali bejn l-attriċi u l-konvenut Jason George Mintoff, il-fond de quo għadu sa llum jifforma d-dar matrimonjali tal-partijiet. Anke jekk fir-risposta ġuramentata tiegħu l-imharrek iressaq l-argument illi kienet proprju l-attriċi li allontanat ruħha mid-dar matrimonjali, dan l-argument ma jistax ireġi f'azzjoni bhal dik ta' llum. Fil-kuntest tat-talbiet attriċi dak illi l-Qorti hija msejjħa tistabbilixxi huwa jekk kienx hemm pussess mhux jekk kienx hemm residenza.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib illi dan l-element fl-azzjoni attriċi gie ppruvat.

**Spoliatum fuisse**:

Illi dwar l-element ta' l-ispoll vjolenti u klandestin, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Baldacchino vs Emanuel Falzon Fava** deċiża fit-22 ta' April, 1988 ħie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell illi:

*"Hemm ċerti rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti sabiex tkun tista' tiġi ezerċitata l-azzjoni ta' spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-moħbi u min*

[5] P.A. : 21.2.1983 fil-kawża fl-ismijiet G.M. Tonna vs G.M. Tonna
[6] App.: 4.12.1998 fil-kawża fl-ismijiet J. Aquilina noe et vs L. Debono (Kollez. Vol:LXXXII.ii.1217)
[7] .P.A. 12.6.1998 fil-kawża fl-ismijiet J.Ċilia et vs L. Camilleri et (mhux pubblikata);
[8] P.A.: 21.1.1994 fil-kawża fl-ismijiet A. Pisani et vs V. Farruġia (mhux pubblikata)

*jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haħa mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi."*

Sabiex ikun sodisfatt dan it-tieni element jeħtieg issir il-prova li l-att ta' spoll sar b'mod arbitrarju, kontra r-rieda tal-possessur u bil-moħbi tal-pussessur.

Fil-każ ta' llum l-attriċi tilmenta mill-fatt illi sabet is-serraturi mibdula. Dan il-fatt intebħet bih meta hi stess marret sabiex taċċedi għad-dar matrimonjali. Il-mastrudaxxa nkarigat mill-Qorti spjega kif sabiex jinbidlu s-serraturi tal-bieb tad-dar u tal-garaxx wieħed jeħtieġ illi bilfors ikollu l-aċċess minn naha ta' ġewwa tal-bibien u dan minħabba l-mod ta' kif is-serraturi jintrabtu fuq in-naħa ta' wara tal-bieb. Mix-xhieda tal-attriċi jidher illi kien hemm tlett kopji taċ-ċwievet, waħda minnhom kienet izzommha hi waqt illi ż-żewġ kopji l-ohra kienu kopja għand kull wieħed mill-konvenuti. L-attriċi xehdet ukoll illi l-konvenut Jason George Mintoff kien jaċċedi ġewwa l-fond meta ma jkunx hemm hi fid-dar u dan il-fatt ma ġiex kontestat.

Tajjeb jingħad illi ma jirriżultax illi l-attriċi rraportat dan il-fatt lil Pulizija u filfatt lanqas ma jirriżultaw proċeduri dwar *ragion fattasi* fil-konfront tal-konvenuti.

Il-konvenuti caħdu li kkommettew spoll u meta l-Marixxall tal-Qorti talab lill-konvenut Jason George Mintoff għaċ-ċwievet tal-fond għall-fini li jiġi eżegwit il-mandat ta' deskrizzjoni, l-imsemmi konvenut baqa' jinsisti li ma kellux kopja taċ-ċwievet tant li l-attriċi kienet kostretta tintavola rikors sabiex titlob li jsir sgass.

Għalkemm il-konvenuti ma ressqu ebda provi u waqt illi fir-risposta tagħhom jiċħdu li kkommettew spoll, fl-istess waqt, sabiex jiggustifikaw l-aġir taghħhom, permezz tal-eċċezzjoni numru hamsa (5) jeċċepixxu li *"l-attriċi minn jeddha allontanat ruħha minn u abbandunat il-fond imsemmi fir-rikors maħluf u marret toqgħod fid dar tal-ġenituri tagħha xhur qabel dawn il-*

*proċeduri*". Għalkemm l-attriċi stess tikkonferma li marret tgħix fid-dar tal-ġenituri tagħha sabiex tassistihom, dan ma jagħtix lill-konvenuti jew min minnhom il-jedd illi jinbidlu s-serraturi tal-fond. Fil-kaz ta' llum jirriżulta ppruvat dan it-tieni element tal-azzjoni peress li fil-fehma tal-Qorti s-serraturi nbidlu fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom mingħajr l-għarfien u l-kunsens tal-attriċi.

***Infra bimestre deduxisse***

Dan l-element irid illi l-kawża tiġi ntavolata entru xahrejn minn mindu jseħħ l-att spoljattiv.

Fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Paul Farrugia noe vs Peter Paul Cutajar** deċiża fit-13 ta' Frar 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili inghad illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jiġix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treġġi."*

Jinkombi fuq l-attur illi jipprova l-fatt minnu allegat. F'dan il-kuntest il-prova trid tkun dwar il-mument meta seħħ l-att spoljattiv u mhux il-mument meta l-attur ikun intebaħ bl-ispoll.

L-attriċi tgħid illi kienet marret fid-dar matrimonjali fl-10 ta' April 2020 u dak inhar daħlet fil-fond mingħajr xkiel. Meta reġgħet marret ġimgħa wara u ċioe fis-16 ta' April 2020 hija ntebħet li s-serraturi kienu nbidlu. Il, il-kawża odjerna ġiet intavolat fit-8 ta' Mejju 2020 u għalhekk *infa bimestre deduxisse*.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib illi saret il-prova tal-aġir lamentat u li per konsegwenza ġie ppruvat l-ispoll fil-konfront tal-attriċi.

**<u>Reintegrazzjoni u spurgar tal-Ispoll</u>**

L-istitut tal-ispoll huwa ntiż sabiex ihares l-istatus quo tal-partijiet u din l-azzjoni hija l-għodda li bih jiħi ripristinat l-istatus *quo ante* tal-parti li ġiet vjolentement u klandestinament imnezza mill-pussess.

Fir-risposta ġuramentata tagħhom il-konvenuti jeċepixxu li l-proċediment ġie eżawrit una volta li ċ-ċwievet jinsabu depożitati l-Qorti. Dan l-argument kien ireġi li kieku rriżulta li ma ġiex kommess spoll fil-konfront tal-attriċi. La darba l-Qorti sabet, għar-raġunijiet premessi illi rriżulta li l-konvenuti kkommettew spoll, allura m'għadx hemm lok ta' dikjarazzjoni li l-proċediment huwa eżawrit.

Jirriżulta illi in segwitu għall-isgass ezegwit mill-Marixxall tal-Qorti li kellu jaċċedi għall-fond sabiex jeżegwixxi l-mandat ta' deskrizzjoni, is-serraturi tal-bibien ta' barra tad-dar u tal-garaxx inbidlu mill-mastrudaxxa nkarigat mill-Qorti u ċ-ċwievet ittieħdu minnufih mill-Marixxall tal-Qorti li għadda sabiex iddepożitahom fis-*safe* tal-Qorti. Għalhekk illum il-ġurnata ebda waħda mill-partijiet m'għandha aċċess ghall-fond *de quo* u kull aċċess meħtieġ jista' jiġi eżeċitat biss u unikament bl-awtorizazzjoni tal-Qorti. Għal dawn ir-raġunijiet ebda wieħed mill-konvenuti ma jista jirripristina l-pussess tal-fond favur l-attriċi.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti tinsab fl-impossibilita` li tilqa' t-tieni u tat-tielet talba kif dedotti.

**Deċide**

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawża billi:

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha.

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti abbuzivament u llegalment ikkommettaw spoll vjolenti fil-konfront tal-attriċi meta ġew mibdula s-serraturi tal-bibien ta' barra tad-dar matrimonjali 'Suenos', Triq Salvu Gambin, Għasri.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet talba ġaladarba ċ-ċwievet tal-fond jinsabu depożitati taht l-awtorita` tagħha, il-Qorti tiddikjara l-impossibilita` li tilqa' dawn it-talbiet kif dedotti u għaldaqstant tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.

Tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuti.

(ft.) Dr Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur